MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 591/2016LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs.**

**Brian u Joanne miżżewġin Theuma**
**(K.I. numri 43074 (M) u 588981 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-18 ta' Lulju, 2016 mis-soċjetà **Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") li bih u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti, wieħed minnhom in atti n-Nutar Dottor Ruben Casingena datata 22 ta' April 2013 (Dok. "A") u l-ieħor datat 19 ta' Jannar 2006 in atti Nutar Dottor Pierre Cassar (Dok. "B") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Brian u Joanne miżżewġin Theuma;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Brian u Joanne miżżewġin Theuma fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u sittin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€127,360.48) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Brian u Joanne miżżewġin Theuma mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok. "D1 sa D4", Dok. "E1 sa E4" u Dok. "F1 sa F4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Brian u Joanne miżżewġin Theuma:*

    (a) *naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;*

    (b) *kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew;*

    (c) *hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Brian u Joanne miżżewġin Theuma li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Brian u Joanne miżżewġin Theuma ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Awwissu 2013, li kopja tagħha qed tiġi esebita u mmarkata Dok. "G", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esebiti bħala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Brian u Joanne miżżewġin Theuma (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Brian u Joanne miżżewġin Theuma li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

2. *Tikkundanna lil Brian u Joanne miżżewġin Theuma jħallsu flimkien u in solidum lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u sittin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€127,360.48) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Brian u Joanne miżżewġin Theuma mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok. "D1 sa D4", Dok. "E1 sa E4" u Dok. "F1 sa F4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Awwissu 2013.*

Rat l-atti tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata fit-28 ta' Settembru, 2016 fir-Reġistru mill-konvenuti **Brian u Joanne miżżewġin Theuma** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li permezz tagħha ammettew it-talbiet attriċi kif dedotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2016 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Fl-ammissjoni tal-konvenuti, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti wieħed minnhom in atti n-Nutar Dottor Ruben Casingena datata 22 ta' April 2013 (Dok. "A") u l-ieħor datat 19 ta' Jannar 2006 in atti Nutar Dottor Pierre Cassar (Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Brian u Joanne miżżewġin Theuma (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ)**

**hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Brian u Joanne miżżewġin Theuma li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;**

2. **Tikkundanna lill-konvenuti Brian u Joanne miżżewġin Theuma jħallsu flimkien u *in solidum* lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u sittin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€127,360.48) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Brian u Joanne miżżewġin Theuma mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok. "D1 sa D4", Dok. "E1 sa E4" u Dok. "F1 sa F4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Awwissu 2013 kontra l-konvenuti.**

Moqrija.